Minuti tad-9 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 28 ta' Novembru, 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'4.30 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |
| Ambaxxatrici | Cherise Cutajar |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 8 u l-minuti tal-laqgħa Ad Hoc li saret nhar is-7 ta' Novembru, 2013, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**
   - Is-Sindku u l-membri tal-kunsill taw merħba lill-ambaxxatriċi għall-Vot 16, Cherise Cutajar li attendiet għall-ewwel laqgħa tal-kunsill u awgurawlha ħidma fejjieda. Horace stieden lil Charise biex tidhol għal din l-esperjenza b'ħeġġa li żgur ser tkun esperjenza għal-futur.
   - Is-Sindku flimkien mal-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ Cherise Cutajar attendew għall-inawgurazzjoni li saret fit-Teatru fil-Belt Valletta, dwar il-Vot 16 kif ukoll attendew għaċ-ċerimonja li saret fis-Sala ta' l-Arazzi fil-Palazz Presidenzjali fejn quddiem is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali, l-Onor José Herrera aċċettat din il-kariga. Wara attendew fil-Parlament fejn ġiet emendata il-liġi biex iż-żgħażagħ ta' 16-il sena jkunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali.
   - Il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, l-Onor. Marie-Louise Coleiro Preca flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Dr José Herrera ser torganizza laqgħa għall-Kunsilli Lokali dwar il-kordinament bejn il-Ministeru u l-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-proġett bit-titlu *LEAP: building the future together promoting social mobility.* Dan huwa proġett li ser ikun iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew tal-Unjoni Ewropea. Din il-laqgħa se ssir fis- 6 ta' Diċembru 2013 fil-Kunsill Lokali tar-Rabat, mis-6


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

sat-8pm. Is-Sindku se jattendi flimkien mal-kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca

- Komunikat mill-Avukata tad-Dipartiment, Angele Vella fejn informat lill-Kunsill li l-bord tal-Appell dwar il-ġebla tal-qawwi għal bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku li se jsir nhar is-17 ta' Jannar fin-12.30pm. Jista' jkun li tinbidel il-ġurnata peress li l-appellant ma jistax jattendi dakinhar.
- *Email* mir-Reġjun t'Għawdex li tirrigwardja n-nuqqas t'infurzar fuq l-ambjent fil-lokalitajiet u għalhekk qed jintalab lil kull Kunsill jgħaddi informazzjoni sabiex jibda' jsir l-infurzar fil-lokalitajiet fuq l-ambjent ġewwa Għawdex. Il-preżenti qablu li jissemmew Wied Siekel, fejn ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb u Triq il-Kappilan Hili, ħdejn l-uffiċini tal-ETC.
- Laqgħa Plenarja, li se ssir nhar is-7 ta' Diċembru – Il-Kunsillier Horace Micallef se jattendi din il-laqgħa.
- Korrispondenza mir-Reġjun bħala parti mill-kommemorazzjonijiet sabiex jitfakkru 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ser isir seminar u qed jiġu mistiedna is-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali. Id-data ta' dan is-seminar hija nhar l-Erbgħa 4 ta' Diċembru bejn il-5:00pm u t-8:00pm. Is-seminar ser isir il-Grand Hotel, Għajnsielem. Il-preżenti ikkonfermaw li se jattendu u l-Viċi Sindku informa lis-SE li ma jistax jattendi. L-ambaxxatriċi se tattendi wkoll.
- Is-Sindku qal li hemm bżonn tintbagħat *email* lis-Sur Riolo mill-WSC biex titranġa Triq ta'Mulejja kif suppost peress li t-trinek ma kienux jinqatgħu bis-sega u l-*patching* qed isir bil-ħotob u ma jitwittiex.
- Il-Kunsill qabel li jitqabbad perit gdid biex titkompla l-aħħar parti ta' Triq Gaspard Le Merchant, peress li sal-lum il-Perit Saliba ma għamel xejn. Wara diskussjoni, il-preżenti qablu li jitqabbad il-Perit Gordon Vella.
- Is-Sindku wera' d-disinn tal-pjanta għal-Sqaq Għar Għerduf li għamel il-perit Gordon Vella. Il-Kunsill qabel mal-pjanta u ser issir applikazzjoni ta' DNO mal-MEPA. Horace semma li avviċinawh xi residenti ta' dik l-inħawi fejn ġibdulu l-attenzjoni li jekk se jsir xi xogħol f'dan l-isqaq, isir b'tali mod li ma jkunx ta' detriment għalihom. Għalhekk, Horace issuġerixxa li l-pavimentar tal-isqaq isir b'tali mod li l-ilma tax-xita jaqleb għan-nofs, jew isiru xi culverts minn taħt. Il-preżenti qablu.
- Is-Sindku talab li l-Kunsill jitlob kjarifika dwar ir-rotta tal-Arriva għax-Xlendi, u jekk din bdiet tgħaddi mill-Fontana, importanti li jiġu installati l-*bus stops*.
- Is-Sindku informa lill-preżenti li l-Għaqda Armar aċċettaw li jarmaw Triq Kappillan Ħili bit-tiżjin tal-Milied skont l-offerta tal-Kunsill.
- *Rubbish bin* li nxtara biex jiġi installat fit-Triq Kappillan Ħili ma qgħadx fil-post u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li ma jitpoġġiex hemmhekk. Ġie deċiż li jitwaħħal *bin* ħdejn l-Għajn il-Kbira.
- Kawza fil-Qorti rigward il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn bejn is-Sur Anthony Cassar u d-Dipartiment tal-Artijiet fejn hu propost li jitkompla iċ-Ċentru Ċiviku. Fuq proposta tas-Sindku il-Kunsill qabel li jitqabbad l-avukat Jean Paul Grech biex jiċċekja fejn wasal dan il-proċess, dan għar-raġuni li l-kawza ilha minn April 2005.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bo

- Il-Preżenti qablu li jibda l-proċess ta' ingaggar ta' SE għal-Kunsill.
- Ittra mill-Gozitan Youth Ambassadors fejn talbu għall-għajnuna tal-Kunsill biex jgħamlu attivitajiet biex jiġbru fondi għall-istrina. Il-Kunsill qabel li jingħataw €50 bħala għajnuna.
- Il-Preżenti qablu li l-Kunsill joħroġ Fuljett informattiv għal-Milied li jitqassam b'xejn lir-residenti fid-djar.
- Ikla tal-Anzjani – suggeriment minn Mario Mercieca biex din is-sena jinġabru l-anzjani kollha fis-sala tal-Kunsill, u l-Kunsill kollu jkun preżenti ukoll għal din l-ikla. Is-sindku qal li jintbagħtu l-ittri fid-djar biex jiġi determinat jekk dawn l-anzjani jaċċettawx li jsir hekk jew jieħdu l-ikla fil-Milied bħas-soltu. L-ikla għandha issir nhar id-29 ta' Diċembru.
- Ikla tal-Milied għal Kunsill u staff – Il-preżenti qablu li din issir fir-Restaurant Iċ-Ċima fix-Xlendi, u issir nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru, fis-7pm.
- Issir talba lil Enemalta biex il-ħlas tal-meter ta' Pjazza l-Għejjun jibda jinqata' mill-ħlas li għandu jieħu l-kunsill mill-Enemalta, tal-enerġija permezz tal-pannelli.
- Saret manutenzjoni tal-injam tal-*equipment* fil-Playingfield.
- Is-Sinku qal li talab l-għajnuna tal-Onor David Agius dwar il-ħlas tal-paga ta' Christine Fenech fejn huwa se jressaq dan il-każ lid-Dipartiment.
- Intbgħatet ittra uffiċjali mil-Avukat Jean Paul Grech.lil Maurice Zammit bħala risposta għal dik li bagħat dwar Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata.

## 4. Jum il-Fontana:

Is-Sindku informa lil preżenti li kollox huwa preparat. Il-programm tal-ħarġa għal-Malta se jkun jikkonsisti għaż-żjara fil-Palazz Verdala fejn se ssir quddiesa fil-post, mawra tal-Belt Valletta u l-istabliment "Daniels" fil-Ħamrun.

Il-Programm tal-ħarġa f'Għawdex se jkun fiż-żjara f'Santa Luċija, fl-*interpretation centre* fid-Dweja u kafè u *snack*. Dan jitħallas minn dawk li jattendu.

Għall-wirja ta' artiġjanat, il-Kunsill qabel li jridu jinkrew l-imwejjed. Rigward r-riċeviment għal din is-serata, is-Sindku informa li is-Sur Anthony Attard ma aċċettax li jagħmel l-ikel, u għalhekk il-Kunsill qabel li dan jiġi ordnat minn Mary Grima u bibita mingħand John Frendo.

## 5. Laqgħa tal-Lokalità

Il-Preżenti qablu li din tiġi diskussa f'Jannar, 2014.

## 6. Materji Oħra

Horace Micallef:

- *Bins* tar-reċiklaġġ jitpoġġew fil-playing field – il-Kunsill qabel ma dan.
- Staqsa f'xiex wasal ix-xogħol fuq ir-rixtellu tal-ħadid għal-*playing field* – is-Sindku wieġeb li dan qiegħed għal-galvanizzar.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Boy

- Talab biex issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex biex jiġu diskussa xi problemi li hawn fil-lokalità. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jiġi mitlub li jitwettaq xogħol fil-lokalita li hi responsabilita tal-Gvern Ċentrali bħalma se jsir f'lokalitajiet oħra – is-SE se tieħu ħsieb li torganizza din il-laqgħa.
- Jindaf u jinkines sew Triq Għajn Tuta – l-A/SE se tieħu ħsieb li jsir dan.
- Qajjem il-punt u enfasizza li s'issa qatt ma ġara dan il-każ, imma qal li fil-futur mhux se jaċċetta li jsiru xogħolijiet mill-Kunsill fil-privat – il-presenti qablu ma dan.

Saviour Borg:

- Staqsa lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm risposta mill-Ministru għal Għawdex fuq l-ittra li intbgħatet lilu rigward il-mozzjoni tiegħu dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Hi wieġbet li ma kienx hemm.

7. **Ilmenti:**
   - Problema tal-ilma fil-garaxx u fid-dar fit-Triq il-Għajn – din is-sitwazzjoni tranġat privatament
   - Talba biex sqaq nru 2 fit-Triq il-Għajn isir mill-ġdid u titwaħħal tabella biex ma jidħlux persuni/vetturi mhux awtorizzati – isir klarifikazzjoni mal-persuna fejn issir it-tabella u ninformawh li l-sqaq huwa tal-Gvern, u allura huwa pubbliku.

8. **Mozzjoni – Saviour Borg**

"Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li ssir "Heritage Trials" għal lokalita tagħna, b'hekk il-Kunsill jkun jista jħares l-patrimonju tal-Fontana, dan fost l-oħrajn billi jkun jista japplika għal diversi fondi li jkunu disponibbli minn żmien għal żmien."

Din il-mozzjoni ġiet sekondata min Carmel Farrugia. Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni fejn, qablu ma dan u għandu jitqabbad il-Perit Gordon Vella biex jagħmel dan ix-xogħol.

9. **Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fl-6pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis, 19 ta' Dicembru, 2013 fit-5.30pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555